MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 241/2008

**A B C D**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**nominati kuraturi deputati sabiex**
**jirrapprezentaw lill-assenti E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg civili taghhom fit-3 ta' Gunju, 2000 f' Bromyard, Herefordshire, fl-Ingilterra u minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu F G D u li llum ghandu 6 snin;

2. Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz tas-sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar, 2006 (162/05JA) inter

alia ippronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u xoljiet il-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Illi r-rikorrenti ilha sitt snin ma tisma' b' ahbar zewgha l-assenti u kull tentattiv kien inutli u ghalhekk kellhom jitqabbdu kuraturi biex jirraprezentawh;

Jghid l-intimat E D ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda lir-rikorrenti l-kura u kustodja tal-wild F G D;

2. Tiffissa u tordna lill-intimat ihallas ghat-tifel minuri manteniment xieraq kif jidhrilha dan l-Onorabbli Qorti u li tali manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-'employer' tal-intimat u/jew minn kull employer futur tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-intimat E D li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tafdalha l-kura u kustodja tat-tifel minuri F G D ; kif ukoll sabiex tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici manteniment xieraq ghall-istess minuri.

**Il-Fatti**

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut assenti fit-3 ta' Gunju 2000, u hekk kif harget tqila minn zewgha dawn gew Malta. F' Settembru 2000 zewgha telaq minn Malta u ma regghex gie lura, filwaqt li l-attrici kellha tibqa' Malta minhabba l-kondizzjoni medika taghha rizultat tat-tqala.

L-attrici tghid li “minn dak in-nhar ma smatjx b’ ahbar zewgi u lanqas naf fejn hu”. Fil-frattemp twieled it-tifel F G fil-5 ta’ April 2001, u l-konvenut, allura missieru, qatt ma ra lil ibnu jew cempillu. L-attrici tghid li kienet dejjem hi li hadet hsieb il-bzonnijiet tat-tifel minn mindu twieled.

Fis-27 ta’ Jannar 2006 giet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

**Kura u Kustodja**
Illi mill-provi jirrizulta car li f’ dan il-kaz, l-interessi tal-minuri jiddettaw li dan jibqa’ fil-kura u kustodja ta’ ommu l-attrici li ghalhekk qeda tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tieghu ; bid-dritt ta’ access favur il-missier, li l-modalita’ tieghu tigi stabbilita fuq rikors appozitu maghmul minnu.

**Manteniment**
Illi f’ dan ir-rigward ma tressqu ebda provi dwar l-introjtu tal-konvenut, u ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha billi tafferma l-obbligu tal-konvenut li jmantni lil ibnu sakemm dan jibqa’ minorenni.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi :
[1] tilqa’ l-ewwel talba kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;
[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens li taffirma l-obbligu tal-konvenut li jhallas lill-attrici manteniment ghal ibnu minuri ; bir-rizerva, u minghajr pregudizzju ghad-dritt ta’ l-attrici li tipprocedi f’ azzjoni ad hoc sabiex jigi fissat il-quantum ta’ dan il-manteniment wara li l-attrici jkollha nformazzjoni sufficjenti in propozitu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------